1855

Tlettax (13) ta' April elfejn u tnejn u ghoxrin (2022)

Bejgh maghmul minn:

**Eugene Bajada**, bin Anthony Bajada u l-mejta Evangelista nee Debrincat, mwieled Rabat, Ghawdex fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Ottubru elf disa' mija u disgha u sittin (1969) u residenti Xewkija, Ghawdex: Karta tal-Identita numru 25269G u martu **Maria Bajada**, bint Joseph Cauchi u l-mejta Josephine nee Attard, mwielda Attard, Malta fis-sbatax (17) ta' April elf disa' mija u tlieta u sebghin (1973) u residenti Xewkija, Ghawdex: Karta tal-Identita numru [redacted]

**Brian Magro**, bin Carmelo Magro u Josephine nee Buttitgieg, mwieled Rabat, Ghawdex, fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Settembru elf disa' mija u disgha u sebghin (1979) u residenti Xewkija, Ghawdex: Karta tal-identita numru 26179G u martu **Karen Magro**, bint Joseph Cauchi u l-mejta Josephine nee Attard, mwielda Rabat, Ghawdex fis-sitta (6) ta' Dicembru elf disa' mija u disgha u sebghin (1979) u residenti Xewkija, Ghawdex: Karta tal-Identita numru [redacted]

Il-kumpanija **Micsav Limited**, numru ta' registrazzjoni C14475 u b'indirizz registrat 'Thyme', By the Bastion Road, Rabat, Ghawdex;

- fl-ishma ta' nofs indiviz (1/2) il-konjugi Bajada u Magro, u nofs indiviz (1/2) Micsav Limited, pero flimkien u in solidum bejniethom, favur:

**Dottor Lydia Abela**, bint Anthony Zerafa u Emanuela nee Sciberras, imwielda Pieta', Malta fit-tmintax (18) ta' Ottubru elf disa' mija u tmienja u sebghin (1978) u residenti Xewkija, Ghawdex: Karta tal-Identita' numru 494378M u zewgha **Dottor Robert Abela**, bin Dottor George Abela u Margaret Rose nee Cauchi, imwieled San Giljan, Malta fis-sebgha (7) ta' Dicembru elf disa' mija u sebgha u sebghin (1977) u residenti Qormi, Malta: Karta tal-Identita' numru 70478M;

Tal-porzjon art imsejjha Ta' Hanzira, fix-Xewkija, Ghawdex, tal-kejl ta' cirka hames mitt metru kwadru (500m.k.), u konfinanti punent ma' beni tas-successuri fit-titolu ta' Patist Xerri, lvant in parti ma' beni tal-Kompraturi, u in parti ma' terzi mhux maghrufa, u nofsinhar in parti mal-passagg imsemmi izjed l-isfel (li huwa wkoll inkluz f'dan il-bejgh) u in parti ma' beni tal-konjugi Psaila, jew irjieh verjuri, u din kif murija bl-ittra A u bil-kulur ahmar fuq il-pjanti annessi ma' l-att u mmarkati dokumenti "B" u "C".

Inkluz ma' dan il-bejgh hemm wkoll nofs indiviz (1/2), jew ahjar kull dritt li l-Vendituri ghandhom, mill-passagg privat minn fejn l-istess art ghandha l-access taghha, li jigi fuq in-naha tan-nofsinhar, tal-kejl ta' cirka tnejn u tletin metru kwadru (32 m.k.), kif muri bl-ittra B u kulur blu fuq l-istess pjanti annessi ma' l-att. Dan il-passagg huwa wkoll soggett ghad-dritt ta' uzu kemm bir-rigel kif wkoll bil-vettura mill-konjugi Psaila kif jirrizulta mill-att tan-Nutar Dottor Ruben Casingena tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Jannar elfejn u disgha (2009). Inoltre l-istess passagg huwa wkoll soggett ghal kwalunkwe servizzi, li jservu l-istess propjeta tal-konjugi Psaila.

Ghall finijiet ta' kjarifika, il-Vendituri ddikjaraw illi permezz tal-kuntratt, huma bieghu kull sehem u/jew interess li huma ghandhom l-istess art.

L-immobbli gie mibjugh bhala liberu u frank, bid-drittijiet u l-pertinenzi tieghu kollha u bil-pussess vakant.

Dan il-bejgh sar u gie accettat bil-prezz ta' **mija u tmenin elf Euro (€180,000)**.

RIĊEVUTA LLUM

26 APR 2022

**Dr. Enzo Refalo LL.D.**

€1764.2